MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 6

30 ta' Ottubru 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.38pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post fil-ħin.

## 6.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

6.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellha l-ebda apoloġija.

## 6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

6.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 4 u 5 ġew approvati.

## 6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.3.1 *Mixegħla tas-Siġra*

Is-Sur Cordina qal li kif kienu tkellmu iltaqa’ mal-*Band* biex isir il-kunċert fl-1 ta' Diċembru. Din il-band tikkonsisti minn *Trio* u ħa tinkorpora ruħha mal-kor. Dan ifisser li kif ġara s-sena l-oħra se jkun hemm il-kor u nzerta li min ħa jagħmel dan il-kunċert jgħallem ukoll tfal tal-kor u għalhekk kapaċi jaddatta l-mużika anki għat-tfal. Għandha ssir laqgħa bejn min jieħu ħsieb il-kor fi ħdan il-parroċċa Roberta Farrugia u min qed jieħu ħsieb il-*band*. L-ispiża ta' dan il-kunċert se tkun ta' €1000 u dan il-kunċert ser jieħu madwar siegħa

6.3.2 *Uffiċċini Ġodda*

Is-Sur Cordina qal lill-*electrician* għadda l-*cable* tad-dawl u kif miftiehem se tittieħed fergħa mill-bar tal-futbol u dan sabiex meta jiġi il-meter tad-dawl proprja il-linji tad-dawl ikunu lesti. Dan il-proċess sar ukoll sabiex ikun jista' jiġi ttestjat il-lift li għandhom bżonn Three Phase biex jaħdem. Ovvjament se jiġi installat sab meter sabiex il-konsum li jinħela jiġi mħallas lura lill-bar tal-futbol.

Is-Sur Remigio Bartolo daħal 5:42pm.

Is-Sur Cordina kompla jgħid li l-lift jinsab Malta hu li sa ġimagħtejn oħra se jiġi installat. Kompla jgħid li se ssir l-indana madwar il-lift, fadal jeħel l-aħħar *fire door* u li l-aluminjum se jsir il-ġimgħa d-dieħla. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jkun fadal biss il-kameras u it-tibjid l'hemm u l'hawn tal-ftit li jkun se jiġi midur. L-aħħar ħaġa se tkun it-travertin u l-bieb ta' barra sabiex jiġi evitat li waqt li jkunu qed jiddaħħlu l-affarijiet dan il-bieb jintlaqat.

6.3.3 **Tiżjin tal-Milied.**

Is-Sur Cordina qal li flimkien mas-Sur Paul Ciantar iltaqgħu mal-kuntrattur tiżjin tal-Milied sabiex flimkien jagħżlu dawn id-dekorazzjonijiet. Hu kompla jgħid li l-

kuntrattur għandu jibgħatlu għada filgħodu x'tip ta' disinn se jagħmel sabiex jinxtegħlu kollha fl-1 ta' Diċembru.

## 6.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

6.4.1 Dr. Ralph Cassar

Attività minn Reno Saliba

- Qal li s-Sur Reno Saliba ippubblika xi kotba u lest li jagħmel attività ta' siegħa u nofs b'għaxart itfal kull darba maqsuma f' darbtejn fiċ-Ċentru għall-Kultura Edukazzjoni u Informazzjoni. Se jkun hemm kontribuzzjoni ta' €10 għax daqshekk jiswa ktieb u kull min jieħu sehem flok ktieb wieħed se jieħu tnejn. Is-Sur Cordina staqsa jekk dawn il-*workshop* humiex qed isiru bl-iskop ta' bejgħ tal-kotba tiegħu. Dr. Cassar qal li mhux se jkun hemm ħlas għall-workshop. Kompla jgħid li li kieku l-kotba kellhom jinxtraw minn stationery normali xorta jiswew €10-il wieħed imma f'dan il-każ minħabba l-*workshop* flok ktieb wieħed se jieħdu t-tnejn. Is-Sur Cordina qal dan bl-iskop li l-kunsill jikkollabora fix-xiri tal-kotba u dawn il-kotba jingħataw b'xejn lit-tfal bħala rigal mingħajr ma jgħidulhom xejn.

  Dr Martin Musumeci daħħal dan il-mument 5:49pm.

  Is-Sur Cordina kompla jgħid li din l-ispiża mhux se taqbeż il-€200 u li jekk kulħadd jaqbel dawn il-kotba jiġu finanzjati mill-Kunsill. Is-Sur Cordina saqsa s-Segretarju Eżekuttiv jekk jaffordjawx €200? Is-Segretarju Eżekuttiv qaltilhom biex imexxu u fil-każ dawn mhux jiġu ffrankati minn xi ħaġa oħra imma għallinqas ikollhom attività tal-Milied differenti mis-snin ta' qabel. Dr Cassar qal li mela imbagħad kemm jiddiskutu kif se jsir il-poster u x' għandu jitniżżel fih.

- Qal li hu, is-Sur John Bonnici u xi mpjegati tal-Kunsill għada u pitgħada kienu se jiżirgħu xi siġar fil-Qasam tal-Bini tal-Gvern u Triq Victor Vassallo però jekk irid jingħaqad magħhom xi ħadd ieħor din se tibda fit-tmienja ta' filgħodu. Is-Sur Cordina qal li x-xogħolijiet fuq il-konok se jsir minn Infrastruttura Malta

6.4.2 Remigio Bartolo

- Saqsa jekk sarux il-boards tal-esebizzjonijiet għal ġewwa ċ-Ċentru u jekk għadhomx bil-ħsieb li ssir il-kompetizzjoni tal-fotografija. Dr. Cassar qal li iva imma li ma kellux ċans jagħmel *write up*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bords bilfors iridu jkunu lesti minħabba l-Waste Reduction Week. Hu qal li importanti li sal-ġimgħa d-dieħla jkollu *draft* sabiex ikun jista' jkellem lill-Head tal-iskola.

- Talab li jkollu stima tat-*telephone box* fil-pjazza sabiex iġib *sponsorship* mill-Go. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li biex toħroġ stima tax-xogħolijiet trid tixtri l-materjal u għalissa tħoss li għandhom prijoritajiet oħra fuq xiex jikkonċentraw. Is-Sur Cordina staqsa għaliex din se tiġi rrestawrata minħabba li l-istat tagħha huwa wieħed tajjeb. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mhux kwistjoni ta' irranġar biss imma jridu jsiru xkaffi fuq ġewwa sabiex ssirilha tabella 'Leave a Book, Take a Book'. Is-Sur Cordina ssuġġerixxa li l-ixkaffi isiru ma' pajpijiet imwaħħlin mal-art puliti u mhux mal-istruttura tat-telephone box.
- Pjazza Bremban: s-Sur Bartolo qal li qabad il-Memorandum of Understanding li kien intuża għal ġemellaġġ ma' Franza ibbażat fuq kultura, sport u edukazzjoni, addattah u bagħtu lis-Sindku ta' Pjazza Brembana. Qal li tagħhom l-ideat tal-Kunsill u għandhom xahar ċans biex jirrispondu.

6.4.3 Sur John P. Bonnici

- qal li rigward it-*telephone box* din ta' spiss tkun mimlija bil-boroż taż-żibel tan-nies tal-isqaq Sant'Anna. Is-Sur Cordina qal li jekk qed jitlob biex isir xi ħaġa għall-inqas jgħaddi proposta ta' x' jista' jsir. Is-Sur Cordina qal li ilhom minn żmien il-ħaġar jitfgħu ż-żibel hemm u biex iċaqlaq *point of collection* iridu jiġu avżati n-nies kollha tal-isqaq li għandhom iżommu l-iskart wara biebhom. Qal ukoll li fil-lokalità hawn ħafna *lack of enforcement*. Dr. Caruana staqsiet jekk tistax issir xi tabella biex jindunaw li ma jistgħux jitfgħu l-iskart hemm. Dr Musumeci staqsa għalfejn dan l-iskart ma jinżammx wara biebhom u jistgħux ikunu nfurmati permezz ta' karta, bis-Segretarju Eżekuttiv tirrispondi li anki jekk tintbagħtilhom karta, jekk tal-iskart jidħol u ma jsib l-iskart hemmhekk jerġgħu jibdew joħorġuh awtomatikament fil-kantuniera.

6.4.4 Is-Sur Paul Ciantar

- Qal li xi ħadd laqat it-tabella ta' mal-Għajn tal-Bhejjem u għalkemm il-ħaddiema tal-Kunsill ġew u rranġawha il-kliem tal-Ingliż ġie ma jinqarax issa. Is-Sur Cordina qal li dawk it-tabelli tal-MTA u għalhekk jista' jsir rapport lilhom. Dr. Cassar qal li hemm xi oħrajn imkabbrin fosthom ta' Triq Sant'Anna ħdejn il-Mużew u ta' ħdejn il-Kitchen Garden il-kliem migruf. Dr. Cassar qal li hemm bżonn iduru tabelli oħrajn imma issa jaħdem fuqhom is-sena d-dieħla. Is-Sur Cordina talab biex iżommu r-riegni minħabba spejjeż għax hemm bosta tabelli oħrajn tat-toroq li għandhom bżonn manutenzjoni.

## 6.5 Rapporti

6.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 6.6 *Items* oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

6.6.1 *Ġimgħa attivitajiet relatati mal-mobilità*

Dr. Cassar qal li kien iċċekkja fuq dak il-*bicycle repair station* imma jiswew kemxa flus sew u biex tordnahom minn barra trid issib min iġibhomlok għax fil-fatt l-ispiża tlaħħaq l-€2500 imma xorta ħa jistenna u jara kif jagħmel biex meta toħroġ l-iskema japplikaw.

EWRW

Dott. Cassar qal li l-programm ħareġ sħiħ bħalha event fuq il-FB Page u grazzi għall-istaff fosthom Karen Fsadni u Yanica Sammut il-posters ta’ attività se jibdew jiġu ixxerjati. Qal ukoll li talab lis-Segretarju Eżekuttiv tagħmel kuntatt mal-Iskola Primarja sabiex il-*poster* jiġi xxerjat fuq il-FB Page tagħhom, il-Librerija Pubblika se tiftaħ il-ġurnata kollha, Il-Friends of the Earth u Grow 10 Trees ukoll se jagħmlu *share*, forsi anke fuq il-Malta Libraries, Scouts u Guides u għaqdiet oħrajn sabiex l-iskop li ċ-Ċentru jintuża iktar jintlaħaq.

6.6.2 Riżoluzzjoni Devoluzzjoni Pjazza Tumas Dingli

Riżoluzzjoni 2 2024

Permezz ta’ din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali ta’ Ħ’Attard qed jaqbel li jitlob id-devoluzzjoni ta’ Pjazza Tumas Dingli lill-Awtorità tal-Artijiet għal skopijiet ta’ kiri ta’ art u dan sabiex tiġi riġenerata u mibnija mill-ġdid din il-pjazza fil-qalba tal-lokalità taħt l-iskema Vjal Kulħadd.

Proponent Stefan Cordina
Sekondat Dr. Helen Caruana

## 6.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti.

6.7.1 Dr. Caruana saqsiet fuq item 25 Yama Yami. Is-Sur Cordina qal li dak hu t-tender tax-xufier tal-vann.

Is-Sur Alex Mangion saqsa fuq item 56 to 60. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawk huma relatati mal-madum u aċċessorji tal-latrini tal-istazzjon u li qegħdin f’din iċ-ċedola minħabba li bagħtu l-kontijiet tard.

Proponent: Dr. Martin Musumeci Sekondant: Paul Ciantar

L-iskeda ġiet approvata.

## 6.8 Mozzjonijiet; u

6.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 6.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

6.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.13pm u ġiet aġġornata għas-27 ta' Novembru 2024 fil-5.30pm

Konfermati illum, 27 ta' Novembru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |